**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum it-Tnejn 30 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs.**

**Matthew Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Frendo bin Joseph u Louise nee' Wright imwieled fl-20 ta' Settembru, 1975 gewwa Pieta' u residenti 67 Flat 3, Triq Sidtna tal-Angli, Zebbug, ID 57776(M).

Akkuzat talli:

a) F'xi hin qabel id-9:00 p.m. matul 19 ta' Marzu, 2007 gewwa Zebbug, Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 353 ghad-dannu ta' Cassar Simon liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) (skond l-Art 325(1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBI 437 ghad-dannu ta' Pauline Attard liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) (skond l-Art 325(1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBN 715 ghad-dannu ta' Stephanie Galea liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) (skond l-Art 325(1b) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta);

d) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jghamel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u cioe' li jikkommetti serq ta' stereos minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBI 437 ghad-detriment ta' Pauline Attard u minn vettura BBN 715 ghad-detriment ta' Stephanie Galea liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu (skond l-Art 41(1a), 263a, 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

e) Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, fi Triq il-Kbira, Zebbug Malta, ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla mhux maghrufa minn vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni IAE 353 ghad-detriment ta' Cassar Simon liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur jiskorri l-Lm100 imma mhux Lm1000 (skond l-Art 263a, 270, 271g, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Aktar talli ghamel reat waqt li kien taht supervizjoni ta' Probation Officer waqt ordni ta' Probation (sentenza ta' Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. fil-15 ta' Gunju, 2006).

g) Aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, liema sentenzi nghataw mill-Mag. Dr. G. Grixti LL.D. fil-25 t'April, 2005 mill-Magistrat Dr. C. Scerri

Herrera LL.D., fi 17 ta' Lulju, 2006 u Magistrat Dr. J.A. Vella LL.D. fil-15 ta' Gunju, 2006.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fl-20 ta' Marzu, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li kaz jigi hekk deciz u trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-*pre-sentencing report* tal-Probation Officer.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Ghalkemm l-imputat ma ghamilx ammissjoni formali, mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u mir-rapport tal-espert tal-fingerprints Joseph Mallia, ma hemmx dubbju li l-imputat hu hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ghalkemm fil-kaz tat-tieni u t-tielet imputazzjoni l-ammont ta' danni li kkaguna huwa inqas minn dak kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Fil-fatt irrizulta li Simon Cassar soffra danni ta' Lm63.64 (€148.24), Pauline Attard soffriet danni ta' Lm29.68 (€69.13) u Stephanie Galea soffriet danni ta' Lm17.70 (€41.22).

Rigward il-hames imputazzjoni u cioe' dik ta' serq aggravat mill-vettura ta' Simon Cassar, din tirrizulta ppruvata in kwantu s-serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta

tal-haga misruqa, izda ma giex ippruvat li s-serq hu aggravat bil-valur billi mix-xhieda ta' Simon Cassar l-istereo kien second hand u kien jiswa madwar Lm35.00.

Rigward is-sitt imputazzjoni u cioe' li kkommetta reat waqt li kien ta' Ordni ta' Probation skond sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Anthony J. Vella, tal-15 ta' Gunju 2006, din ma gietx ippruvata, stante li meta tela' jixhed l-Ufficjal Prosekutur f'dik il-kawza, l-Ispettur Stephen Mallia, huwa ma gharafx lill-imputat.

Rigward is-seba' imputazzjoni, u cioe' dik tar-recidiva din giet pruvata bis-sentenzi ezebiti, hlief ghas-sentenza tal-Magistrat Anthony J. Vella, u dan ghar-raguni fuq moghtija.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irrizarcixxa lill-partijiet civili d-danni li kkagunalhom.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni ir-rapporti tal-Probation Officer Ivan Sultana, tax-xhieda tad-diversi agenziji ghar-riabilitazzjoni mill-vizzji, kif ukoll tax-xhieda tal-Psikjatra Dottor Anton Grech.

Meta xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, il-Psikjatra Dottor Anton Grech xehed li kien ilu iktar minn ghaxar (10) snin isegwi lill-imputat, li kien ibati minn kundizzjoni ta' psikozi. Huwa kellu ukoll il-vizzju tal-alcohol u d-drogi. Il-problema tal-psikozi kien ilha kkontrollata bil-kura snin twal, pero' skond il-Psikjatra ma sarx hafna progress fir-rigward tal-problema tal-vizzji tal-alcohol u d-droga. Fil-fatt il-Psikjatra xehed hekk *"Il-problema principali tieghu fl-opinjoni tieghi hija l-alcohol ghax l-ewwel jibda jiehu l-alcohol, imbaghad jitlef is-self control u jibda jaqa' jiehu d-drogi. Infatti ghamel diversi programm fuq id-droga u hekk imma ma rnexxewx."*

Fil-fatt anke matul dawn il-proceduri, l-imputat beda programm ghar-riabilitazzjoni mill-alcohol li ma segwiehx.

Mill-pre-sentencing report, u mix-xhieda prodotti, jirrizulta li issa l-imputat rega' beda programm iehor ghar-riabilitazzjoni mill-alcohol f'Dar Zernieq fi hdan is-Sedqa, u qieghed juri aktar impenn.

L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu b'din ir-rakkomandazzjoni:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni, jirrizulta li l-qaghda tas-sahha kemm dik fizika kif ukoll mentali timpedixxi milli huwa ikun jista' jikkommetti ruhu ghal Ordni ta' Xoghol fil-Kommunita, hekk kif specifikat skont l-Att tal-Probation Kap. 446, Artikolu 11.*

*Minkejja dan, qed jintalab sabiex dak li nkiseb prezentement mill-professjonisti jibqa' kkonsolidat billi l-imputat jibqa' taht sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu massimu li jista' jinghata sabiex jikkompleta l-programm residenzjali tal-Alcohol Services fi hdan is-Sedqa u kull forma ta' trattament necessarju wara li huwa jlesti l-programm."*[1]

Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2010, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat kien hallas l-ammonti kollha minnu dovuti bhala risarciment tad-danni lill-partijiet civili.[2]

Fit-trattazzjoni orali kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-imputat ghandu jigi mghejjun biex jipprova jirriforma hajtu.

Din il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

---

[1] Ara fol. 197 tal-process.
[2] Ara verbal a fol. 141 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. fil-waqt li ssib lill-imputat mhux hati tas-sitt imputazzjoni u qed tilliberah minnha,
2. wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issibu hati tal-ewwel imputazzjoni,
3. ma ssibux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif dedotti, izda wara li rat l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 issibu hati tar-reat kompriz u involut f’dak l-Artikolu;
4. wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 263(a), 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 issibu hati tar-raba’ imputazzjoni dedotta kontra tieghu;
5. fil-waqt li ma issibux hati tal-imputazzjoni tar-reat ta’ serq aggravat bil-valur dedotta kontra tieghu fil-hames imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 263(a), 270, 271(g) tal-Kapitolu 9, isibu hati tal-kumplament tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu;
6. wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issibu hati tas-seba’ imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Pero’ ghar-ragunijiet fuq esposti, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu mposti fuqu skond l-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista’ jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

In oltre, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht il-kura tal-Agenzija Sedqa sabiex jikkompleta il-programm residenzjali li huwa beda ma’ Dar

Zernieq, u taht il-kura tal-Psikjatra Dottor Anton Grech u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Il-Psikjatra Dottor Anton Grech ghandu ihejji pjan ta' kura ghall-hati, skont dak li fl-opinjoni tieghu huwa fl-ahjar interess ghall-bzjonnijiet tal-hati, inkluz, jekk ikun necessarju kura minn professjonijisti ohra, kura bħala pazjent mhux resident f'xi sptar jew aġenzija jew istituzzjoni oħra adatta u kura bħala resident f'xi sptar jew aġenzija jew istituzzjoni oħra adatta. Il-Psikjatra Grech ghandu l-fakolta li jvarja dan il-pjan ta' kura minn zmien ghal zmien skond dak li fl-opinjoni tieghu hu fl-ahjar interessi ghall-bzonnijiet tal-hati. Il-hati huwa obbligat li jsegwi dan il-pjan ta' kura skrupolozament, u dan a spejjez tieghu.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car u semplici l-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jottempera ruhu ma' din l-Ordni ta' Trattament.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jigu notifikati lilu mir-Registratur tal-Qrati Kriminali u dawn l-izpejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur min-notifika tal-ittra tar-Registratur, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament annessi maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, lill-Psikjatra Dottor Anton Grech u lill-Agenzija Seqda.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**